CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS- SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 57

L-Erbgħa, 11 ta' Ottubru 2017

Il-Kunsilli Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misrah il-Kunsill, Mdina fid- 3pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono– Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fid-3.05pm.

**57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

57.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

57.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas- Sitta u Ħamsin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

57.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**57.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

57.3.1 Il-Sindku xtaq jirringrazzja lill-Kunsilliera s- Sinjura Maryann Sultana ta' l-appuntament li rnexxiela tagħmel mal-Ministru l-Onorevoli Dr. Ian Borg fejn fiha ser jiġu diskussi xi pendenzi li għandu l-Kunsill f'dak li jirrigwarda infrastruttura u trasport ġewwa l-Mdina

57.3.2 Is- Sindku nfurma lill-Kunsill li għadna qed nistennew appuntament mas- Segretarju Parlamentari, l-Onorevoli Silvio Parnis fejn ser jiġi diskuss il-kuntratt il-ġdid ta' l- Uffiċċju tal-Kunsill li jinsab jaħdem minnu l-Kunsill prezenti.

57.3.3 Is- Sindku talab lis- Segretarju Ezekuttiv jerġa jibgħat reminder lid- Direttur Ġenerali kif ukoll il-Ministru responsabbli għar- Restoration Department fuq il-periklu reali fejn hemm in-niċċa tal- Madonna, Greeks Gate fejn jidher li hemm travu mkisser u huwa ta' periklu.

57.3.4 Is- Sindku xtaq jirringrazzja lill-Onor. Deo Debattista ta' l-intervent tiegħu biex it-toilets pubbliċi li jinsabu fi Howard Gardens jibgħu miftuħin sal-11pm

57.3.5 Is- Sindku kien tal-fehma li wasal iz-zmien li l-Kunsill jagħmel update tal-*policy* f'dak li jirrigwarda l-permessi tad-dħul ġewwa l-Mdina u għalhekk qed jitlob li jiġi nnominat sottokumitat biex jiddiskuti din il-materja. Il-Kunsill ftiehem li dan is- sottokumitat ikun iffurmat mill-Kunsill kollu.

57.3.6 Is- Sindku qal li wasal z-zmien li ssir ħarġa oħra ta' l-anzjani u għalhekk ġie miftiehem li din il-ħarga ssir nhar it- 18 ta' Novembru 2017.

57.3.7 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li ġew ordnati it-tabelli fejn juru li *segways, quadbikes* u muturi ma jistgħux jidħlu ġewwa l-Mdina.

## 57.4 Rapporti, Ilmenti u Ordnijiet tal-Ġurnata

57.4.1 Il-Viċi Sindku talab li jsir z-zbir tas-siġar ta' Pjazza Mesquita, Fuq is- Sur u Triq l-Imħazen.

Is- Segretarju Ezekuttiv infurma li la darba jingħata l-kuntratt l-ġdid tad-tindif tal-ġonna ta' Howard Gardens Lot 2, dan ix-xogħol ikun jista' jsir.

57.4.2 Saret talba għal *No Objection* mill-Uffiċċju tal-President ta' Malta biex issir il-Fun Run 2017. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

57.4.3 Email mibgħuta mill-Onor. Segretarju Parlamentari is- Sur Silvio Parnis fejn qed jitlob il-Kunsilli Lokali jagħtu s-suġġerimenti tagħhom biex jitjib l-operat tal-Kunsilli hekk kif il-Gvern qiegħed fil-proċess li jirriforma il-liġi tal-Kunsilli Lokali.

57.4.4 Is- Segretarju Ezekuttiv infurma lil-Kunsill li rċieva komunikazzjoni mill-avukat tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn qed jitlob li fir-rigward tal-Bye Law li qed jipproponi l-Kunsill jeħtieġ li jkun hemm proċess sħih qabel bye law tiġi implimentata u għalhekk ser jitkompla dan il-proċess biex kemm jista' jkun jiġi implimentat dan il-bye law.

57.4.5 Is- Segretarju Ezekuttiv qal li kif kien infurma lill-Kunsill, il-kuntrattur li kien qed jieħu ħsieb il-ġnien z-zgħir (Lot 2) fejn kien kitbilna li huwa ma setgħax jkompli minħabba l- kuntratt ma kien aktar finanzjarjament vijabbli, issa ġejna nfurmati mid- Dipartiment tal-Gvern Lokali tramite id-Dipartiment tal-Kuntratti li aħna bħala Kunsill nistgħu mmorru għat-tieni l-irħas offerta li kien hemm fit- tender oriġinali pero' il-kuntratur huwa suġġett għal ħlasijiet biex jagħmel tajjeb għad-differenza fil-prezz.

Il-Kunsill huwa ta' l-opinjoni li nibdew t-taħdidiet mal-kuntrattur li kellu t-tieni l-irħas offerta u naraw jekk jaċċettax li jkun hemm riduzzjoni fil-prezz oriġinali li kien tefa' li kien ta' € 12,000 fis-sena. F'kaz li dan ma jsirx allura bħala Kunsill ser ikun jerġa joħrog sejħa għall-offerti.

57.4.6 Is- Segretarju Ezekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-rapporti finanzjarji ta' kull tlett xhur minn Jannar sa Marzu u minn April sa Ġunju 2017 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Prezenti kien hawn l-accountant tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament dawn ir-rapporti. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw r-rapporti biex juru li huwa dokumenti korretti

## 57.5 Kunsiderazzjoni u l-Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

57.5.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ ħlasijiet li ġġib iddata tal-11 ta’ Ottubru 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta’ € 23,264.48

57.5.2 L-iskeda ta’ ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill- Kunsillier Alfred Barbaro Sant li kien issekondat mill- Kunsilliera Maryann Sultana Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta’ ħlasijet ġiet iffirmata miz- żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**56.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

56.6.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra,l-laqgħa ġiet aġġornata għal 15 ta' Novembru 2017 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data: 15-11-2017_______